Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,042, 21 ta' April, 2023*
*Taqsima C*

# Nru 53

21. 04. 2023

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Byron Camilleri, M.P., Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-13 ta' Marzu 2023.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, Kap. 555.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Byron Camilleri, M.P., Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality, on behalf of the Minister for Finance and Employment, and read the First time at the Sitting of the 13th March 2023.

**AN ACT to amend the Arbiter for Financial Services Act, Cap. 555.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika



## ABBOZZ TA’ LIĠI
## msejjaħ

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, Kap. 555.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 555.

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "klijent" tiegħu għandha tiġi sostitwita b’din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "klijent" tfisser persuna fiżika, inkluż is-suċċessuri tagħha fit-titolu, mikrointrapriża jew għaqdiet tal-konsumaturi;"; u

(b) fit-tifsira "klijent eliġibbli" tiegħu minnufih wara l-kliem "soġġett għall-ilment rilevanti" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "kif ukoll għaqdiet tal-konsumaturi".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u r-raġunijiet ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi huma sabiex għaqdiet tal-konsumaturi jkunu kkunsidrati eleġibbli sabiex jippreżentaw ilmenti quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u sabiex ukoll l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) jkun konformi mad-Direttiva (UE) 2016/97.

Verżjoni Elettronika



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Arbiter for Financial Services Act, Cap. 555.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title.

Cap. 555.

**1.** The short title of this Act is the Arbiter for Financial Services (Amendment) Act, 2023 and this Act shall be read and construed as one with the Arbiter for Financial Services Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 2 of the principal Act.

**2.** Article 2 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) the definition "customer" thereof shall be substituted by the following new definition:

" "customer" means a natural person, including his successors in title, a micro-enterprise or consumer associations;"; and

(b) in the definition "eligible customer" thereof immediately after the words "subject of the relevant complaint" there shall be added the words "and also consumer associations".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons for this Bill are to consider consumer associations eligible to file complaints before the Arbiter for Financial Services and to also bring the Arbiter for Financial Services Act (Cap. 555) in line with the provisions of Directive (EU) 2016/97.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**